# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# DEĊIŻJONI NRU 1465

Każ Nru 1446

Fil-kwistjoni tax-xogħol

bejn Stephen Xuereb

u

Il-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika rappreżentat mill-Ambaxxata ta' l-Istati Uniti f'Malta

dwar tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta

Data: 8 ta' Jannar 2004

**Chairman: is-sur Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-każ ġie mibgħut lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali fis-6 ta' Ġunju 2000 b'riferenza MSP/TI/41/2000. Dana wara li l-Avukat Joseph Galea Debono f'isem is-sur Stephen Xuereb kiteb lill-Onorevoli Ministru fis-6 ta' Ġunju 2000 fejn allega li l-istess Xuereb kien ġie liċenzjat inġustament mill-impieg tiegħu fl-Ambaxxata Amerikana b'effett mill-25 ta' Frar 2000. Sussegwentement l-Avukat Mark Fenech kien daħal flok l-Avukat Joseph Galea Debono. Għall-Ambaxxata Amerikana deher l-Avukat Hugh Peralta. Inżammu 13 il-seduta.

**2. Fatti tal-Każ**

B'ittra datata 24 ta' Frar 2000 l-Appellant ġie nfurmat illi peress li ma zammx appuntament ma' tobba indikati mill-Ambaxxata waqt li kien bis-*sick leave* kien qed jikser ordnijiet mogħtija mis-superjuri tiegħu u għaldaqstant kien qed jiġi liċenzjat b'effett mill-għada. L-appellant jiċħad dan u jgħid li l-ittra li biha avzawh biex imur għand it-tabib irċiviha tard peress illi kien biddel l-indirizz u din ġiet mibgħuta fl-indirizz antik tiegħu.

**3. Konsiderazzjonijiet**

Irid jingħad li dan il-każ ġie allokat oriġinarjament lil Chairman ieħor, cioe' is-sur Colin Tabone, li sema' l-parti l-kbira minnu. Meta rriżenja s-sur Tabone iċ-Chairman odjern daħal minfloku u beda' jisimgħu fit-12 ta' Novembru 2003. L-Ambaxxata Amerikana għal żmien twil irrifjutat li tidher minħabba l-fatt illi irritjeniet li hi ma kelliex identita' separata mill-Gvern Amerikan u għalhekk ma setgħetx tidher bħala parti f'każ ġudizzjarju. Inoltre skond il-prattika fil-liġi internazzjonali rriteniet li kellu jkun hemm dejjem pre-avviz ta' sittin ġurnata biex tilħaq tavża avukat, tieħu l-pariri neċessarji u tipprepara sewwa għas-smiegħ tal-każ. Baqgħet tinsisti fuq dan, dejjem tramite l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin Malti, anke meta ċ-Chairman wara parir mill-Avukat Ġenerali baqa' għaddej bis-smiegħ tal-każ. Kien biss fis-sitt seduta meta deher l-Avukat Peralta f'isem il-Parti Appellata u dana wara li sar qbil li l-okkju jinbidel u jkun 'Il-Gvern tal-Istati Uniti ta' l-Amerika rappreżentat mill-Ambaxxata tal-Istati Uniti f'Malta'. Oltre dan sar ftehim bejn il-partijiet li ma jkunx hemm insistenza li l-Appellant jingħata lura l-impieg tiegħu iżda li l-każ ikun fuq kumpens.

Dana kollu qed jingħad għaliex l-attitudini persistenti li ħadet il-Parti Appellata kellu l-konsegwenza li jiskadi t-terminu għas-sottomissjomni tal-i*statement of case* tagħha u konsegwentement l-opportunita' li tagħti l-lista tax-xhieda tagħha. Għad li baqgħet ma ssottomettitx l-i*statement of case* kif intqal it-Tribunal iddegreta (seduta tal 11 ta' Ġunju 2002) li jistgħu jittellgħu xhieda, għall-Parti Appellata, impjegati tal-Ambaxxata biss.

Fin-nuqqas tal-i*statement of case* it-Tribunal kellu jistrieh fuq l-ittra ta' liċenzjament tal-Appellant kif ukoll fuq it-testimonjanza tax-xhud waħdieni tal-Parti Appellata. L-Appellant jgħid li waqt li kien qed jaqdi d-doveri tiegħu bħala *Security Guard* fl-Ambaxxata Amerikana f'April 1998 huwa waqa' f'tarġa imkissra li kien hemm fil-bini tal-Amaxxata u weġġa l-irkoppa x-xellugija. Huwa jirritjeni li għamel r-rapporti neċessarji mas-superjuri tiegħu. Sussegwentement kien għamel operazzjoni. Jghid li wara l-operazzjoni kien qed isofri minn *depression* u kien taħt kura ta' psikjatra. Meta għadda xi ftit taż-żmien kien mitlub li jmur jara xi tobba tal-Ambaxxata, wieħed kirurgu ortopediku, Mr Charles Grixti, u l-ieħor psikjatra. Huwa jgħid li mar jara kif kien mitlub lill-kirurgu ortopediku. Iżda fil-każ tal-psikjatra ma marx għax ittra li bagħatulu qatt ma waslitlu probabbli għaliex minħabba kwistjoni mal-mara huwa kien mar joqod għand ommu. Fil-fatt ittra preċedenti kienet wasslitielu t-tifla tiegħu meta kien tard wisq.

It-teżi tal-Parti Appellata hija li wara li kien ilu nieqes minn fuq ix-xoghol għal ħafna xhur huma kienu ndikawlu li għandu jmur jara ż-żewġ esperti mediċi . Huwa fil-fatt jidher li mar għand Mr Grixti għax l-istess Parti Appellata ppreżentat certifikat minnu datat 9 ta' Settembru 1999 li jindika li l-irkoppa difettuża hija l-leminjja! Waqt li l-Appellant igħid li fil-fatt kienet ix-xellugija li weġġa u dan sostnut miċ-ċertifikat tal-kirurgu tiegħu Mr Zammit Maempel li kien operah. Dr Mario Scerri, t-tabib tal-Ambaxxata lill-Appellant wissih biex jidħol għax-xogħol għax inkella kienu se jkeċċuh iżda huwa rritjena li billi kien qed jieħu pilloli mogħtija lilu mill-psikjatra tiegħu ma kienx fi stat li jaħdem.

Apparti minn dan kollu jidher li hemm żewġ fatturi li t-Tribunal irid jagħti każ tagħhom. Waħda hija l-fatt li l-Appellant kien ġie mitlub kemm il-darba mis-superjur tiegħu Mr Keith Walker biex jirritorna għax xoghol u dana ma għamlux (affidavit tax-xhud Joseph Fsadni fol. 4). Hemm ukoll il-fatt li f'Jannar tal-2000, voldieri qabel il-liċenzjament tiegħu huwa kien għamel applikazzjoni lill-Gvern biex jiġi *boarded out* (affidavit ta' Joseph Fsadni fol.3). Dana jfisser illi huwa hass li ma kienx fi stat li jaħdem u ma kellux intenzjoni li jerġa jidħol għax-xogħol.

Il-Parti Appellata ma kelliex triq oħra ħlief li titlob lill-Appellant li jmur għand il-psikjatra tagħha biex jagħti l-ġudizzju tiegħu stante li mill-lat fisiku diġa kien hemm iċ-ċertifikat ta' Mr Grixti li huwa kien jista jerġa jaħdem. Il-fatt li naqas li jmur huwa att ta' disubbidjenza li fiċ-ċirkostanzi tal-każ jirrenduh soġġett għas-sanzjoni massima tat-tkeċċija.

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li l-liċenzjament tal-Appellant Stephen Xuereb minn ma' l-Ambaxxata Amerikana f'Malta kien għal raġuni ġusta u suffiċjenti.

B'hekk jintemm dan il-każ.

**5. Drittijiet**

**Għall-iskop tal-Avviż Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal Industrijali jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' £M40 kull wieħed.**

**Franco Masini**
**Chairman**

**Mary Rose Galea**
**A/Segretarju**